# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

Data tal-laqgħa: 22 ta' Frar 2021

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar ii-Tnejn, 22 ta' Frar 2021 fl-4.00pm.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

27.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 26. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

27.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 27.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

27.3.1.1 Para 26.4.5 – Toroq li se jsiru minn IM
Is-SE infurmat li IM ikkonfermaw li t-toroq li jmiss li se jsiru huma Triq Sir Antonio Micallef, Triq il-Qarċilla u Triq l-Għerusija.

27.3.1.2 Dwar il-problema tad-drenaġġ f'Wied Ħal Balzan, is-SE infurmat li WSC għad m'għandhomx data ta' meta se jibdew ix-xogħlijiet. Il-Viċi Sindku talab li nibgħatu *reminders* regolarment għax il-problema aktar ma jgħaddi żmien aktar ser taggrava.

27.3.2 Para 26.14.3 – Talba biex isir bank fl-isqaq tal-ħamiem fi Triq il-Providenza
Is-SE talbet li jiġi indikat il-post fejn qed jiġi ssuġġerit li jsir il-bank għax il-ħaddiema ma setgħux jidentifikaw post fejn jista' jsir.

27.3.3 Para 26.14.7 - Ċirkulari SPI/SCI/07/2020 – Espressjoni ta' Interess – *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal din l-iskema ma ġietx sottomessa għax il-GreenPak ikkonfermaw li l-*iBins* preżenti diġà fihom il-*waste level sensor*.

27.3.4 Para 26.14.11 - Talba biex issir *parking bay għal* vetturi kbar
Is-SE infurmat li l-*caravan* tneħħa.

27.3.5 Para 26.4.1 - Arbli tad-dawl bis-sadid
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi *update* dwar dawn l-arbli. Is-SE infurmat li rapportati lill-Enemalta u għad m'għandniex *feedback*. Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat *reminder*.

27.3.6 Para 26.4.2 - Tabelli fi Triq Birbal
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi *update* dwar it-tabelli. Is-SE wieġbet fin-negattiv u ser tintbagħat *reminder* lill-TM.

27.3.7 Para 26.4.3 - Ħmieġ tal-klieb
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi *update* dwar dan l-ilment. Is-SE infurmat li għaddiet l-ilment lill-LESA u għad m'għandhiex risposta.

## 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.4.1 Għassa tal-Pulizija
Is-Sindku infurma li ressaq talba għad-devoluzzjoni tal-binja tal-għassa ta' Ħal Balzan direttament mal-Prim Ministru. Il-Prim Ministru infurma lis-Sindku li dwar dan kellem lill-Ministru ikkonċernat u qed jistenna direzzjoni min-naħa tiegħu.

27.4.2 <u>Sprall fi Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku infurma li fil-*weekend* daħlu diversi ilmenti peress li l-kuntrattur, imqabbad mill-Kunsill biex jirranġa l-isprall ta' quddiem il-Każin tal-PN, ħalla pjanċa fuqhu. Is-SE spjegat li dan ix-xogħol kellu jsir bilfors fil-*weekend* (mhux fi ġranet ta' skola) peress li kellha bżonn tingħalaq it-triq għal tul ta' ħin. Spjegat li l-pjanċa tpoġġiet fuq l-isprall sakemm jinxef sew il-konkos, biex nevitaw li jerġa' jisfronda. Il-kuntrattur ikkonferma li bejn illum u għada filgħodu, il-pjanċa ser titneħħa.

27.4.3.1 <u>Kunċert virtwali</u>
Is-Sindku infurma li ikkomunika mal-PBS biex jiċċekkja dwar il-*footage* għal dan il-kunċert. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi dwar meta ser jiġi ppjanat dan il-kunċert (*target date*) sabiex ikun jista' jibda javviċina xi mużiċisti.

27.4.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan il-kunċert jiġi ppjanat għal Mejju jew Lulju. Il-Kunsill qabel li apparti l-PBS, ser ikellem ukoll lill-One u Net Tv biex naraw jekk humiex interessat jxandru l-kunċert. Jekk ħadd ma jkun interessat, inkellmu lill-Fliving. Il-post għad irid jiġi identifikat. Għalissa ser jiġu avviċinati l-mużiċisti. Dan il-kunċert ser isir permezz tal-fondi relatati ma' Skema 6/2020 maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru.

## 27.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**F'dan il-ħin (4.40pm) il-Kunsillier Mary Louise Briffa ħarġet mill-laqgħa peress li kellha problemi tekniċi.**

27.5.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi fondi fuq kultura li għadhom mhux allokati, peress li ġie avviċinat minn xi mużiċisti, peress li qed ikun hemm problema peress li bil-mod il-mod qed tintilef il-mużika fir-repertorju tal-Parroċċa, għalhekk jixtiequ li jagħmlu *recordings* tagħhom biex tinżamm ħajja l-mużika sagra ta' Ħal Balzan.

27.5.2 Is-SE għamlet referenza għal Ċirkulari Numru SPI/SCI/03/2021 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, fejn ser jiġi ċċekkjat mad-DGL jekk nistgħux napplikaw għal fondi biex isir preservazzjoni ta' mużika sagra tal-lokal.

## 27.6 Rapporti

27.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 27.7 Kuntratt ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat

27.7.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt preżenti ser jiskadi fil-25 ta' Marzu 2021, u għalhekk hekk kif indikat f'Ċirkulari Numru 3/2019, talbet liż-żewġ skemi awtorizzati (Green MT u GreenPak) biex jibgħatu l-proposti tagħhom. Is-SE infurmat li GreenPak biss bagħtu l-proposta tagħhom għal kuntratt il-ġdid għal ġbir ta' skart riċiklat. Kopja tal-proposta ngħatat lill kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

27.7.2 Il-Kunsilliera raw fid-dettal il-proposta mressqa. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li dan il-kuntratt jerġa' jingħata lil GreenPak.

## 27.8 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

27.8.1 <u>Skema Finanzjarja Numru 10/2020 – Proġett fil-Komunità</u>
Is-SE fakkret li l-Kunsill jista' japplika għal din l-iskema sal-31 ta' Marzu 2021, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 biex isir proġett fil-lokalità.

27.8.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq tliet proġetti li jistgħu isiru, bl-ordni ta' preferenza, kif imniżżla hawn taħt.

1. Restawr tal-Madonna tar-Rummiena
2. Xi ħaġa li ssebbaħ l-ambjent bħal qsari
3. Produzzjoni awdjo viżwali fuq ir-raħal biex tiġi preservata l-identità tal-lokalità.

27.8.3 Is-Sindku ressaq l-istima dwar ir-restawr tal-Madonna tar-Rummiena li tammonta għal madwar €9,000. Il-Kunsill approva li jsir dan ir-restawr li ser jiġi ffinanzjat kif indikat hawn taħt:

- €1,000 mill-fondi tal-Kunsill
- €3,000 minn Skema Finanzjarja Numru 10/2020
- €5,000 minn Skema Finanzjarja Numru 1/2020.

27.8.4 Is-SE se tapplika mar-Reġjun u kif tiġi approvata jibda l-proċess għas-sejħa ta' kwotazzjonijiet / offerti.

## 27.9 Tisbiħ tal-*Playing field*

27.9.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-animazzjoni 3D tal-proġett kważi lest.

27.9.2 Dwar l-istima dettaljata tax-xogħlijiet, is-SE infurmat li min kien qed jaħdem fuqha jinsab fuq kwarantina u għalhekk għadha mhux lesta. L-istima tiġi ppreżentata fil-laqgħa li jmiss.

## 27.10 Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla

27.10.1 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni mal-PA ġiet sottomessa mill-Perit.

27.10.2 Is-Sindku talab sabiex ninfurmaw lill-Perit jaġġorna l-BOQ skond il-pjanti finali approvati mill-Kunsill, kif ukoll jipprepara t-*Technical Specifications* sabiex inkunu nistgħu nibdew il-proċess għas-sejħa tal-offerti.

## 27.11 Servizz ta' trasport għall-anzjani

27.11.1 Il-Viċi Sindku infurma li t-tliet Kunsilli (Ħ'Attard, Ħal Lija u Iklin) wrew l-interess tagħhom f'dan is-servizz propost. Qal ukoll li dalgħodu saret laqgħa bejn l-erba' Kunsilli, fejn attendiet il-Kunsillier Mary Louise Briffa.

27.11.2 Peress li Mary Louise Briffa ma kienitx preżenti f'dan il-ħin tal-laqgħa, se taġġorna lill-Kunsill aktar tard jekk jirnexxielha terġa' taċċessa l-laqgħa jew fil-laqgħa li jmiss.

27.11.3 Il-Kunsilliera Mary Louise Briffa aġġornat lill-Kunsill dwar il-laqgħa li saret mal-Kunsilli ġirien. Spjegat li l-Kunsilli l-oħra jixtiequ lis-servizz jingħata kuljum u mhux darba f'ġimgħa. Qalet ukoll li Ħ'Attard jużaw il-Berġa tar-Rabat mhux ta' Birkirkara u għalhekk sfortunatament ser tkun problema.

27.11.4 Qalet ukoll li Sindku partikolari semma l-kunċett tal-*Corporate Social Responsability* però bħalissa huwa żmien daqs xejn diffiċli sabiex issib *sponsor*.

27.11.5 Il-Kunsilli qablu li nitolbu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani sabiex jibdew it-taħditiet biex possibbilment dan is-servizz jiġi offrut b'xejn mis-Segretarjat. Il-Kunsill approva.

## 27.12 SPI/SCI/02/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

27.12.1 Din iċ-Ċirkulari ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss, peress li l-Kunsill għadu qed jistenna l-istima mingħand il-Perit.

## 27.13 SPI/SCI/03/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021

27.13.1 Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/03/2021 mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

27.13.2 Kif intqal f'*item* 27.5.2, ser jiġi ċċekkjat mad-DGL jekk nistgħux napplikaw għal fondi biex isir preservazzjoni ta' mużika sagra tal-lokal. Ser jiġi ċċekkjat ukoll jekk din l-iskema tapplikax għal dokumentarju awdjo viżiv fuq ir-raħal.

27.13.3 Din iċ-Ċirkulari ser terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 27.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

27.14.1 *Tender – Services for the Upkeep & Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – BLC 01/2021
Ġie approvat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 01/2021. Is-SE ser tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti. Ġie rrimarkat li, importanti li t-tender jinkludi klawsola li tindika li nistgħu inżidu *locations* u qsari ġodda ma' dawk li diġà hemm inkluż fis-sejħa.

**F'dan il-ħin (5.15pm) reġgħet daħlet għal-laqgħa l-Kunsillier Mary Louise Briffa, fejn ġiet mistiedna taġġorna lill-Kunsill dwar il-laqgħa li attendiet filgħodu dwar is-servizz ta' trasport għall-anzjani (ara *item* 27.11.3).**

27.14.2.1 Laqgħa tal-Lokalità
Is-SE infurmat li skond Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali, sal-15 ta' April, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità sabiex jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjanta' Ħidma.

27.14.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li, minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-laqgħa ssir virtwali. Il-pubbliku għalkemm mhux ser ikun fiżikament preżenti, xorta ser ikollu l-opportunità li jipparteċipa u jagħmel l-interventi b'mezzi elettroniċi.

27.14.2.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2021 fis-6.00pm u ser jintbagħat invit f'kull residenza minn ħmistax qabel.

27.14.3 Plakka tal-*Heritage Trail* – Palazzo San Antonio
Il-Kunsill ġie nfurmat b'*email* li reġa' bagħat ir-resident dwar il-plakka tal-*Heritage Trail*. F'dan l-istadju, il-Kunsill m'għandhux xi jżid mar-risposta li diġà ingħatat lir-resident u il-Kunsill jkun f'pożizzjoni li jiġġiskuti din il-kwistjoni la darba r-resident jippreżenta r-riċerka li turi mod ieħor minn dik li għandu l-Kunsill.

27.14.4.1 Tiġdid tat-*Tender* BLC 06/2018
Il-Kunsill approva li jġedded b'sena oħra t-*Tender* BLC 06/2018 - *Collection of Household Waste from the locality of Ħal Balzan using environmentally friendly transportation services* li ser jiskadi fit-30/04/2021, hekk kif hemm stipulat fil-kuntratt.

27.14.4.2 Il-Viċi Sindku infurma li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart se jmur f'idejn ir-Reġjuni. Dan il-kuntratt ser ikun l-aħħar wieħed li ħareġ il-Kunsill. Qal ukoll li, jinsab infurmat li peress li l-Kunsill Ħal Balzan ser jaqa' taħt ir-Reġjun Tramuntana, il-Kunsill ser jiġi mistieden fil-laqgħa tal-istess Reġjun meta jkun ser jiġi diskuss il-ħruġ tas-sejħa sabiex il-Kunsill ikun involut fid-diskussjoni u fil-vot li jittieħed.

## 27.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

27.15.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/21, li tinkludi l-ammont ta' €55.30c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2021.

27.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 27.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.16.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35pm.

27.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021 fl-4.00pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa terġa' ssir *online*.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |